32005R0856

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 856/2005

tas-6 ta' Ġunju 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 fir-rigward tat-tossini tal-*Fusarium*

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat- 8 ta' Frar ta' l 1993 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Komunità għal sustanzi li jikkontaminaw l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 [2] jipprovdi għal-livelli massimi għal ċerti sustanzi li jikkontaminaw l-oġġetti ta' l-ikel.

(2) Ċerti Stati Membri adottaw jew għandhom pjan li jadottaw livelli masimi tat-tossini tal-*Fusarium*, bħal deoxynivalenol (DON), *zearalenone* (ZEA) u fumonisini f'ċerti oġġetti ta' l-ikel. Fid-dawl tad-diskrepanzi bejn il-livell awtorizzat fl-Istati Membri u r-riskju konsegwenti ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-miżuri tal-Komunità huma meħtieġa sabiex jaċċertaw l-għaqda tas-suq filwaqt li jkun hemm konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità

(3) Varjetà ta' fungi tal-*Fusarium*, li huma fungi tal-ħamrija komuni, jipproduċu numru ta' mikotossini differenti li jagħmlu parti mill-klassi trichotenes bħad-deoxynivalenol (DON), nivalenol (NIV), tossini T-2 u tossini HT-2 u xi tossini oħrajn (zearalenone u fumonisini). Il-fungi tal-*Fusarium* jinstabu fuq iċ-ċereali li jikbru fir-reġjuni ta' temp moderat bħall-Amerika, l-Ewropa u l-Ażja. Ħafna mill-fungi tal-*Fusarium* li jipproduċu t-tossini huma kapaċi jipproduċu sa limitu varjabbli sa tnejn jew aktar minn dawn it-tossini.

(4) Il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel (SCF) evalwaw f' sett ta' opinjonijiet it-tossini tal-*Fusarium*: deoxynivalenol (DON) f'Diċembru ta' l-1999, zearalenone f'Ġunju ta' l-2000, fumonisini f'Ottubru ta' l-2000, aġġornat f'April ta' l-2003, nivalenol f'Ottubru ta' l-2000 u tossini T-2 u HT-2 f'Mejju ta' l-2001 u evalwazzjoni fi grupp tat-trichothecenes fi Frar ta' l-2002.

(5) Il-SCF ikkunsidraw li d-data disponibbli ma kinitx tappoġġja l-iffisar ta' Ammont li jista' jittiekel li huwa Tollerabbli għall-grupp (TDI) tat-trichothecenes li ġew evalwati u stabbilew

— TDI ta' 1 μg/kg piż tal-ġisem/jum għad-deoxynivalenol (DON).

— TDI temporanju (t-TDI) ta' 0.7 μg/kg piż tal-ġisem/jum għan-nivalenol.

— TDI temporanju kkombinat ta' 0.06 μg/kg piż tal-ġisem/jum għat-tossini T-2 u HT-2.

Għat-tossini l-oħrajn tal-*Fusarium* il-SCF stabbilew

— TDI temporanju (t-TDI) ta' 0.2 μg/kg piż tal-ġisem/jum għal *zearalenone*.

— TDI ta' 2 μg/kg piż tal-ġisem/jum għat-total tal-fumonisina B_1, B_2 u B_3 waħedhom u flimkien.

(6) Fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE tal-25 ta' Frar ta' l 1993 dwar l-assistenza lill-Kummissjoni u l-koperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżaminazzjoni xjentifika tal-mistoqsijiet dwar l-ikel [3], koperazzjoni xjentifika (SCOOP) ħidma 3.2.10 "Ġabra ta' data dwar okkorrenza tat-tossini tal-*Fusarium* fl-ikel u l-assessjar ta' kemm jittieklu fid-dieta tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri Ewropej" [4] sar u ġie ffinalizzat f'Settembru ta' l-2003.

Ir-riżultati ta' dik il-ħidma juru li l-mikotossini tal-*Fusarium* huma mifruxin sew mal-katina alimentari fil-Komunità. L-għejun ewlenin ta' konsum ta' tossini tal-*Fusarium* fid-dieta huma prodotti magħmulin miċ-ċereali, b'mod partikolari l-qamħ. Filwaqt li l-konsum fid-dieta tat-tossini tal-*Fusarium* mill-popolazzjoni kollha ta' l-adulti huwa ħafna drabi inqas mit-TDI għat-tossina in kwistjoni, għall-gruppi li huma fir-riskju bħat-trabi u tfal żgħar, huma qrib jew f'ċerti każijiet jaqbżu t-TDI.

[1] ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 77, 16.3.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Reglament (KE) Nru 208/2005 (ĠU L 34, 8.2.2005, p. 3).

[3] ĠU L 52, 4.3.1993, p. 18. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

[4] Rapport li jinsab fuq il-portal tal-Kummissjoni Ewropea, DG Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur (http://europa.eu.int/comm/food/fs/scoop/task3210.pdf)

(7) Partikolarment għad-deoxynivalenol, il-konsum fid-dieta għall-gruppi ta' tfal żgħar u adolexxenti huwa qrib it-t-TDI. Għat-tossini T-2 u HT-2, stima tal-konsum fid-dieta qabżet f'ħafna mill-każijiet it-t-TDI. Madankollu, ġita' min jinnota li għat-tossini T-2 u HT-2 ħafna mid-data dwar l-okkorrenza nkisbet permezz ta' metodi għall-analiżi li għandhom limitu ta' skoperta għoli u billi jitqies il-fatt li l-ammont ta' kampjuni li huma 'l fuq mil-limitu ta' skoperta kien ta' 20 %, il-konsum fid-dieta kien influwenzat ħafna mil-limitu ta' skoperta tal-metodu analitiku użat. Għan-nivalenol il-konsumi kollha kienu taħt it-t-TDI. Fir-rigward ta' trichothecenes oħrajn kkunsidrati parti mill-Għan SCOOP li jissemma hawn fuq, bħal 3-acetyldeoxynivalenol, 15-acetyldeoxynivalenol, fusarenon-X, T2-triol, diacetoxyscirpenol, neosolaniol, monoacetoxyscirpenol u verrucol, sa fejn l-informazzjoni hija disponibbli l-konsumi fid-dieta huma baxxi.

(8) Għaż-zearalenone, il-konsum medju fil-ġurnata huwa sinjifikattivament iktar baxx mit-TDI iżda għandha tingħata attenzjoni għall-gruppi tal-popolazzjoni li mhumiex identifikati fil-ħidma u li jistgħu jkollhom konsum regolari għoli ta' prodotti li għandhom inċidenza għolja ta' kontaminazzjoni minn zearalenone u għall-ikel li huwa maħsub għall-konsum minn tfal żgħar, minħabba li d-diversità fost it-tfal żgħar hija limitata.

(9) Għall-fumonisini, l-istima tal-konsum fid-dieta għal ħafna gruppi tal-popolazzjoni hija ferm inqas mit-TDI. Il-konsum fid-dieta tal-*Fumonisins* jiżdied b'mod sinjifikattiv meta jitiqesu biss il-konsumaturi biss. Madanakollu, il-konsum fid-dieta huwa wkoll għal dak il-grupp ta' konsumaturi li jaqgħu taħt it-TDI. Iżda, il-monitoraġġ ta' riżultati ta' kontroll tal-ħsad fl-2003 jindika li l-qamħirrun u prodotti tal-qamħirrun jistgħu jiġu kkontaminati sew mill-fumonisini. Huwa xieraq li jittieħdu miżuri sabiex jiġi evitat li tali qamħirrun u prodotti tal-qamħirrun li huma kkontaminati b'mod tant inaċċettabbli ma jidħlux fil-katina alimentari.

(10) L-ispeċi *Fusarium* jinfettaw il-qamħ qabel il-ħsad. In konnessjoni ma' l-infezzjoni tal-*Fusarium* u l-formazzjoni tal-mikotossini bosta fatturi ta' riskju ġew identifikati. Kundizzjonijiet klimatiċi matul l-iżvilupp, partikolarment matul il-formazzjoni tal-fjuri, għandhom influwenza kbira fuq il-kontenut tal-mikotossini. Iżda, prattiki agrikoli tajbin, fejn il-fatturi tar-riskju huma ridotti sal-minimu, jistgħu sa ċertu punt irażżnu il-kontaminazzjoni minn fungi tal-*Fusarium*.

(11) Huwa importanti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku li l-livelli massimi huma stipolati fuq ċereali li mhux ipproċessati sabiex jiġi evitat li ċereali li huma kkontaminati ħafna jistgħu jidħlu fil-katina alimentari u sabiex jinkuraġġixxu u jaċċertaw li l-miżuri kollha jittieħdu fl-istadju ta' l-għalqa, tal-ħsad u tal-ħażna tal-katina ta' produzzjoni (permezz ta' l-applikar ta' prattiki tajbin ta' ħsad u ta' ħażna agrikoli). Huwa xieraq li ssir l-applikazzjoni ta' livelli massimi fuq ċereali li mhux ipproċessati fuq ċereali li jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel stadju ta' l-ipproċessar minħabba li l-użu maħsub (għall-ikel, għalf jew industrijali) taċ-ċereali jkun magħruf f'dan l-istadju. Proċeduri ta' tindif, sortjar u tnixxif mhumiex kkunsidrati bħala proċessi ta' l-ewwel stadju sakemm ma ssir ebda azzjoni fiżika fuq il-qalba tal-qamħ innifisha filwaqt li t-tagħrik għandu jiġi kkunsidrat bħala proċessar ta' l-ewwel stadju.

(12) Livelli massimi huma stipolati f'livelli li jqisu l-esponiment tal-bniedem kif marbut mal-konsum tollerabli tat-tossina in kwestjoni u li tista' tinkiseb b'mod raġonevoli permezz ta' prattiki tajbin f'kull stadju tal-produzzjoni u distribuzzjoni. Dan il-metodu jaċċerta li l-operaturi kummerċjali ta' l-ikel japplikaw kull miżura possibbli għall-prevenzjoni/tnaqqis tal-kontaminazzjoni sakemm huwa possibbli għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku.

(13) Għall-qamħirrun, mhux magħrufin preċiżament il-fatturi kollha involuti fil-formazzjoni tat-tossini *Fusarium*, b'mod partikolari zearalenone u fumonisini B_1 u B_2. Għalhekk, perjodu ta' żmien għandu jingħata lill-operaturi kummerċjalita' l-ikel li jagħmlu parti mill-katina alimentari sabiex jiżvolġu investigazzjonijiet fuq is-sorsi ta' formazzjoni ta' mikotossini u jagħmlu identifikazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni li għandhom isiru għall-prevenzjoni tal-preżenza tagħhom sakemm huwa raġonevolment possibbli. Data dwar l-okkorrenza disponibbli bħalissa li hija bbażata fuq livelli massimi hija proposta li tiġi applikata mill-1 ta' Lulju jekk ebda livelli speċifiċi bbażati fuq informazzjoni ġdida dwar l-okkorrenza u l-formazzjoni ma tiġix stipolata qabel dak iż-żmien.

(14) Permezz tat-tindif u l-ipproċessar, il-kontenut tat-tossini tal-*Fusarium* fiċ-ċereali nejjin jista' jitnaqqas sa gradi varjati fil-prodotti taċ-ċereali pproċessati. Minħabba l-grad ta' riduzzjoni li jvarja, huwa xieraq li jiġi stipolat livell approprjat għall-konsumatur aħħari ta' prodotti taċ-ċereali għall-protezzjoni tal-konsumatur u li huwa meħtieġ għall-leġiżlazzjoni infurzabbli. Fl-istipolar tal-livelli massimi għall-prodotti taċ-ċereali għall-konsumatur aħħari, wieħed għandu jsegwi metodupragmatiku. Barra minn hekk, l-istipolar ta' livell massimu għall-ingredjenti ewlenin ta' l-ikel li huma derivati miċ-ċereali huwa xieraq sabiex jiġi aċċertat infurzar effiċjenti fl-interess tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

(15) Minħabba l-livelli ta' kontaminazzjoni mit-tossini tal-*Fusarium* fir-ross, ebda livelli massimi ma ġew proposti għar-ross jew prodotti tar-ross

(16) Mhux meħtieġ minħabba ko-okkorrenza li jitqiesu miżuri speċifiċi għall-3-acetyl deoxynivalenol, 15-acetyl deoxynivalenol u fumonisina B_3, minħabba li miżuri possibbli fir-rigward ta', partikolarment, deoxynivalenol u fumonisina B_1 + B_2, jipproteġu wkoll il-popolazzjoni ta' bnedmin minn espożizzjoni li mhux aċċettabbli ta' 3-acetyl deoxynivalenol, 15-acetyl deoxynivalenol u fumonisina B_3. L-istess japplika għal nivalenol li għalih tista' tiġi osservata, sa ċert grad, il- ko-okkorrenza mad-deoxynivalenol u l-espożnimenttal-bniedem għan-nivalenol hija stmata li hija ħafna inqas mit-t-TDI.

(17) *Data* dwar il-preżenza ta' tossini ta' T-2 u HT-2 hija għalissa limitata. Hemm ukoll bżonn urġenti għall-iżvilupp u l-validazzjoni ta' metodu ta' analiżi sensittiv. Iżda stimi ta' konsum jindikaw b'mod ċar li l-preżenza ta' T-2 u HT-2 tista' tikkonċerna s-saħħa pubblika. Għalhekk, l-iżvilupp ta' metodu sensittiv, il-ġabra ta' iktar data ta' l-okkorrenza u iktar investigazzjonijiet/riċerka dwar il-fatturi involuti fil-preżenza ta' T-2 u HT-2 fiċ-ċereali u fil-prodotti taċ-ċereali, b'mod partikolari fil-ħafur jew prodotti tal-ħafur, huwa neċessarju u ta' prijorità għolja.

(18) Ir-Reġolament (KE) Nru 466/2001 għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq.

(19) Il-miżuri stipolati f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 466/2001 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 qiegħed jinbidel b'dan li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 3(1) u 4(3), dan li ġej għandu jiġi pprojbit

(a) l-użu ta' prodotti, li mhumiex f'konformità mal-livelli massimi stipolati fl-Anness I, bħala ingredjenti ta' l-ikel għall-produzzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel komposti jew oħrajn;

(b) li jitħalltu prodotti li huma f'konformita mal-livelli massimi ma prodotti li jeċċedu l-livelli massimi stipolati fl-AnnessI;

(c) li ssir ditossifikazzjoni intenzjonali minn trattamenti kimiċi fil-każ ta' sustanzi kontaminanti elenkati fit-taqsima 2 (Mikotossini) ta' l-Anness I."

(2) L-Artikolu 5, il-paragrafu 5 li ġej huwa miżjud:

"5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-punti 2.4, 2.5, 2.6 u 2.7 tat-taqsima 2 ta' l-Anness I sa l-1 ta' Lulju ta' l 2008 fir-rigward tal-limiti massimi ta' deoxynivalenol, zearalenone u fumonisina B_1+B_2 u bil-viżjoni għall-inklużjoni tal-livell massimu għat-tossini T-2 u HT-2 fiċ-ċereali u fil-prodotti taċ-ċereali.

Għal dak il-għan, l-Istati Membri u l-partijiet interessati għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull sena r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet li saru inkluża d-data ta' l-okkorrenza u l-progress fir-rigward ta' l-applikazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni għall-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni minn deoxynivalenol, zearalenone, tossini T-2 u HT-2 u fumonisin B_1+B_2."

(3) L-Anness I hu emendat b'mod konformi ma' l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Lulju ta' l-2006. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-prodotti li tqiegħdu fis-suq qabel l-1 ta' Lulju ta' l 2006 b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli. l-impenn sabiex jiġi ppruvat meta l-prodotti tqiegħdu fis-suq għandu jintrefa mill-operatur kummerċjali dwar l-ikel.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fit-Taqsima 2 Mikotossini ta' l-Anness I, il-punti li ġejjin 2.4, 2.5, 2.6, u 2.7 huma miżjuda:

"Prodott (1)	Livell massimu (µg/kg)	Metodu ta' kampjunar	Metodu ta' referenza ta' l-analiżi
2.4. DEOXYNIVALENOL (DON)			
2.4.1. Ċereali mhux ipproċessati (2) ħlief qamħ durum, ħafur u qamħirrun	1 250	Id-Direttiva 2005/38/KE (*)	Direttiva 2005/38/KE
2.4.2. Qamħ durum mhux ipproċessat u ħafur	1 750	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.4.3. Qamħirrun mhux ipproċessat	— (3)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.4.4. Tqiq taċ-ċereali, inkluż dqiq tal-qamħirrun, naqal tal-qamħirrun u qamħirrun miṫun mhux raffinat (4)	750	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.4.5. Ħobż, pasti, biskuttini, snekks taċ-ċereali, ċereali għall-brekkfist	500	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.4.6. Għaġin (niexef)	750	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.4.7. Ikel tat-trabi u tfal żgħar ipproċessat u bbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi (5)	200	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE

(1) Għar-raġuni ta' l-applikazzjoni tal-livelli massimi ta' deoxynivalenol, zearalenone, fumonisini B_1 u B_2, tossini T-2 u HT-2 stabbiliti fil-punti 2.4, 2.5, 2.6 u 2.7 ir-ross biss mhux inkluż 'maċ-ċereali'u l-prodotti tar-ross mhux inklużi 'mal-prodotti taċ-ċereali'

(2) Il-livelli massimi stipolati għal 'ċereali mhux ipproċessati' japplikaw għall-ċereali li jitqieghdu fuq is-suq għall-ewwel stadju ta' proċessar. Madankollu, il-livelli massimi japplikaw għal ċereali maħsuda u meħuda, sa mis-sena ta' bejgh 2005/2006 fi qbil mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 824/2000 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-ippussessar taċ-ċereali minn aġenziji ta' intervent u l-istipolar ta' metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni tal-kwalità taċ-ċereali (ĠU L 100, ta' l-20.3.2000, p. 31), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) 777/2004 (ĠU L 123, tas-27.4.2004, p. 50).

'L-ipproċessar ta' l-ewwel stadju' għandu jfisser kull trattament fiżiku jew bis-shana, ħlief it-tnixxif ta' jew fuq il-qalba tal-qamħ.

Proċeduri ta' tindif, sortjar u tnixxif mhumiex kkunsidrati bħala 'pproċessar ta' l-ewwel stadju' sakemm ebda azzjoni fiżika ma ssir fuq il-qalba tal-qamħ innifisha u l-qalba kollha tibqa' shiha wara t-tindif jew is-sortjar.

(3) Jekk ebda livell speċifiku ma ġie stipolat qabel l-1 ta' Lulju ta' l-2007, livell ta' 1 750 µg/kg għandhom japplikaw minn hemm fuq il-qamħirrun li jissemma f'dan il-punt.

(4) Din il-kategorija tinkludi wkoll prodotti simili nominati mod ieħor bħas-semolina.

(5) Ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u tfal żgħar u ikel tat-trabi kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE tas-16 ta' Frar ta' l-1996 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 17) kif emendat mid-Direttiva 2003/13/KE (ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 33).

Il-livell massimu għall-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar li huwa pproċessat u bbażat fuq iċ-ċereali u għall-ikel tat-trabi jirreferi għall-kontenut ta' materja niexfa tagħhom.

(*) Ara paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Prodott (1)	Livell massimu (μg/kg)	Metodu ta' kampjunar	Metodu ta' referenza ta' l-analiżi
2.5. ZEARALENONE			
2.5.1. Ċereali mhux ipproċessati (2) ħlief qamħirrun	100	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.5.2. Qamħirrun mhux ipproċessat	— (3)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.5.3. Tqiq taċ-ċereali ħlief dqiq tal-qamħirrun	75	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.5.4. Tqiq tal-qamħirrun, qamħirrun miṫhun mhux raffinat, naqal tal-qamħirrun u żejt tal-qamħirrun raffinat (4)	— (3)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.5.5. — Ħobż, pasti, biskuttini	50	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
— snekks tal-qamqirrun, u ċereali tal-brekkfist bbażati fuq il-qamħirrun	— (3)		
— ikliet żgħar oħrajn taċ-ċereali u ċereali tal-fatra	50		
2.5.6. — ikel għat-trabi u t-tfal żgħar ipproċessat abbażi ta' qamħirrun	— (3)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
— ikel tat-trabi u tfal żgħar pproċessat u bbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi (5)	20		

(1) Għar-raġuni ta' l-applikar tal-livelli massimi ta' deoxynivalenol, zearalenone, fumonisini B_1 u B_2, tossini T-2 u HT-2 stabbiliti fil-punti 2.4, 2.5, 2.6 u 2.7 ir-ross biss mhux inkluż 'maċ-ċereali' u l-prodotti tar-ross mhux inklużi 'mal-prodotti taċ-ċereali'

(2) Il-livelli massimi stipolati għal 'ċereali mhux ipproċessati' japplikaw għall-ċereali li jitqiegħdu fuq is-suq għall-ewwel stadju ta' proċessar. Madankollu, il-livelli massimi japplikawgħal ċereali maħsuda u meħuda mis-sena tal-bejgħ ta' l-2005/2006. li waqgħu taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 824/2000 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-ippussessar taċ-ċereali minn aġenziji ta' intervent u l-istipolar ta' metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni tal-kwalità taċ-ċereali (ĠU L 100, ta' l-20.3.2000, p. 31), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) 777/2004 (ĠU L 123, tas-27.4.2004, p. 50).

'L-ipproċessar ta' l-ewwel stadju' għandu jfisser kull trattament fiżiku jew bis-sħana, ħlief it-tnixxif ta' jew fuq il-qalba tal-qamħ.

Proċeduri ta' tindif, sortjar u tnixxif mhumiex kkunsidrati bħala 'pproċessar ta' l-ewwel stadju' sakemm ebda azzjoni fiżika ma ssir fuq il-qalba tal-qamħ innifisha u l-qalba kollha tibqa' sħiħa wara t-tindif jew is-sortjar.

(3) Jekk ebda livell speċifikat ma jiġi stipolat sa l-1 ta' Lulju ta' l-2007, il-livell ta'

— 200 μg/kg għandu japplika minn hawn għall-qamħirrun mhux ipproċessat

— 200 μg/kg għandu japplika minn hawn għat-dqiq tal-qamħirrun, qamħirrun miṫhun mhux raffinat, naqal tal-qamħirrun u żejt tal-qamħirrun raffinat

— 50 μg/kg għandu japplika minnhawn għall-ikliet żgħar tal-qamħirrun u għaċ-ċereali tal-brekkfist b'bażi ta' qamħirrun.

— 20 μg/kg għandu japplika minn hawn għall-ikel ipproċessat b'bażi ta' qamħirrun gat-trabi u tat-tfal żgħar

(4) Din il-kategorija tinkludi wkoll prodotti simili denominati mod ieħor bħas-semolina.

(5) Ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u tfal żgħar u ikel tat-trabi kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE tas-16 ta' Frar ta' l-1996 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 17) kif emendat mid-Direttiva 2003/13/KE (ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 33).

Il-livell massimu għall-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar li huwa pproċessat u bbażat fuq iċ-ċereali u għall-ikel tat-trabi jirreferi għall-kontenut ta' materja niexfa tagħhom.

Prodott	Livell massimu FB_1 +FB_2 (µg/kg)	Metodu ta' kampjunar	Metodu ta' referenza ta' l-analiżi
2.6. FUMONISINI (1)			
2.6.1. Qamħirrun mhux ipproċessat (2)	— (3)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.6.2. Naqal tal-qamħirrun, qamħirrun miħun mhux raffinat u dqiq tal-qamħirrun (4)	— (3)	Directive 2005/38/EC	Directive 2005/38/EC
2.6.3. Ikel bbażat fuq il-qamħirrun għall-konsum dirett bl-eċċezzjoni ta' 2.6.2. u 2.6.4.	— (3)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE
2.6.4. Ikel tat-trabi u tfal żgħar ipproċessat u bbażat fuq il-qamħirrun u ikel tat-trabi (5)	— (3)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE

(1) Il-livell massimu japplika għat-total tal-fumonisina B_1 (FB_1) u fumonisina B_2 (FB_2)

(2) Il-livelli massimi stipolati għal 'qamħirrun mhux ipproċessat' japplikaw għall-qamħirrun li jitqiegħed fis-suq għall-ewwel stadju ta' proċessar. Iżda, il-livelli massimi japplikaw għal ċereali maħsuda u meħuda mis-sena tal-bejgħ ta' l-2005/2006. li waqgħu taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 824/2000 li jistabbilixxi l-proċeduri għall-ippussessar taċ-ċereali minn aġenziji ta' intervent u l-istipolar ta' metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni tal-kwalità taċ-ċereali (ĠU L 100, ta' l-20.3.2000, p. 31), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) 777/2004 (ĠU L 123, tas-27.4.2004, p. 50),

'L-ipproċessar ta' l-ewwel stadju' għandu jfisser kull trattament fiżiku jew bis-sħana, ħlief it-tnixxif ta' jew fuq il-qalba tal-qamħ.

Proċeduri ta' tindif, sortjar u tnixxif mhumiex kkunsidrati bħala 'pproċessar ta' l-ewwel stadju' sakemm ebda azzjoni fiżika ma ssir fuq il-qalba tal-qamħ innifisha u l-qalba kollha tibqa' sħiħa wara t-tindif jew is-sortjar.

(3) Jekk ebda livell speċifikat ma jiġi stipolat sa l-1 ta'Ottubru ta' l-2007, il-livell ta'

— 2 000 µg/kg għandu japplika minn hawn għall-qamħirrun mhux ipproċessat

— 1 000 µg/kg għandu japplika għad-dqiq tal-qamħirrun, qamħirrun miħun mhux raffinat, naqal tal-qamħirrun u semolina tal-qamħirrun

— 400 µg/kg għandu japplika għall-ikel li huwa bbażat fuq il-qamħirrun għall-konsum dirett

— 200 µg/kg għandu japplika għall-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar ipproċessat li huwa bbażat fuq il-qamħirrun kif ukoll għall-ikel tat-trabi

(4) Din il-kategorija tinkludi wkoll prodotti simili li huma denominati mod ieħor bħal semolina.

(5) Ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u tfal żgħar u ikel tat-trabi kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE tas-16 ta' Frar ta' l-1996 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 17) kif emendat mid-Direttiva 2003/13/KE (ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 33).

Il-livell massimu għall-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar li huwa ppproċessat u bbażat fuq iċ-ċereali u għall-ikel tat-trabi jirreferi għall-kontenut ta' materja niexfa tagħhom.

Prodott (2)	Livell massimu (µg/kg)	Metodu ta' kampjunar	Metodu ta' referenza ta' l-analiżi
2.7. T-2 U HT-2 TOXIN (1)			
2.7.1. Ċereali mhux ipproċessati (3) u prodotti taċ-ċereali	— (4)	Direttiva 2005/38/KE	Direttiva 2005/38/KE

(1) Il-livell massimu jirreferi għat-total tat-tossini T-2 u HT-2.

(2) Għar-raġuni ta' l-applikar tal-livelli massimi ta' deoxynivalenol, zearalenone, fumonisini B_1 u B_2, tossini T-2 u HT-2 stabbiliti fil-punti 2.4, 2.5, 2.6 u 2.7 ir-ross biss mhux inkluż 'maċ-ċereali' u l-prodotti tar-ross mhux inklużi 'mal-prodotti taċ-ċereali'

(3) Il-livelli massimi stipolati għal 'ċereali mhux ipproċessati' japplikaw għall-ċereali li jitqiegħdu fuq is-suq għall-ewwel stadju ta' proċessar. 'L-ipproċessar ta' l-ewwel stadju' għandu jfisser kull trattament fiżiku jew bis-sħana, ħlief it-tnixxif ta' jew fuq il-qalba tal-qamħ. Proċeduri ta' tindif, sortjar u tnixxif mhumiex kkunsidrati bħala 'pproċessar ta' l-ewwel stadju' sakemm ebda azzjoni fiżika ma ssir fuq il-qalba tal-qamħ innifisha u l-qalba kollha tibqa' sħiħa wara t-tindif jew is-sortjar.

(4) Livell massimu għandu jiġi stipolat, jekk xieraq, qabel l-1 ta' Lulju ta' l-2007.

Data dwar il-preżenza ta' tossini ta' T-2 u HT-2 huma għalissa limitati. Iżda stimi ta' konsum jindikaw b'mod ċar li l-preżenza ta' T-2 u HT-2 tista' tikkonċerna is-saħħa pubblika. Għalhekk, l-iżvilupp ta' metodu sensittiv, il-ġabra ta' iktar data ta' l-okkorrenza u iktar investigazzjonijiet/riċerka dwar il-fatturi involuti fil-preżenza ta' T-2 u HT-2 fiċ-ċereali u fil-prodotti taċ-ċereali, b'mod partikolari fil-hafur jew prodotti tal-hafur, huwa neċessarju u ta' prijorità għolja."